Dín l-Art Ħelwa

## RIŻOLUZZJONIJIET LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI FRAR 2022

### RIŻOLUZZJONI LI TWISSI LI D-DEWMIEN BUROKRATIKU FIL-ĦRUĠ TA' ATTI TA' KURAZIJA QIEGĦED JIPPERIKOLA SITI TA' WIRT

Membri ta' Din l-Art Ħelwa, fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Sibt 26 ta' Frar 2022, ħeġġew lill-gvern, b'mod partikolari lill-Ministru nkarigat mill-Awtorità tal-Artijiet, u lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, biex mill-aktar fis jsolvu l-kwistjonijiet burokratiċi li qed jxekklu l-għoti ta' siti ta' wirt fil-Kurazija tal-NGOs/Għaqdiet Voluntarji. Din l-Art Ħelwa tesprimi d-dispjaċir tagħha dwar id-dewmien eżagerat u mhux raġonevoli fiż-żmien li fih jiġu konklużi l-Atti ta' Kurazija. Għaldaqstant l-organiżżazzjoni titħalla bla tweġibiet għal xhur sħaħ, minkejja l-fatt li tkun għamlet l-istudji meħtieġa, ġabet il-permessi neċessarji u ddubbat il-fondi għar-restawr. Din l-Art Ħelwa tesprimi t-tħassib tagħha li, minħabba dan id-dewmien, ħafna siti storiċi qed jkomplu jiddeterjoraw kaġun ta' traskuraġni u abbandun.

### RIŻOLUZZJONI BIEX JINĦOLOQ PARK NATURALI ĠDID F'GĦAWDEX U BIEX PARKS EŻISTENTI F'MALTA JIĠU MKABBRA

Membri ta' Din l-Art Ħelwa, fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Sibt 26 ta' Frar 2022, ħeġġew lill-gvern, b'mod partikolari lill-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, u lill-Awtorità tal-Artijiet, biex jappoġġjaw il-proposti tal-organiżżazzjoni li jinħolqu parks ġodda għall-wirt Naturali u tal-Istorja, kif ukoll l-estensjoni ta' dawk li jeżistu bħalissa:

1. Fl-inħawi ta' Ta' Sopu fin-Nadur Għawdex, biex jiddaħħlu żewġ strixex tal-art fis-sit ta' Natura 2000, kif ukoll it-torri tal-għassa li ġie rristawrat minn Din l-Art Ħelwa, sabiex jinħolqu destinazzjonijiet għat-tgawdija tan-natura mill-familji, it-tfal u l-viżitaturi f'Għawdex.
2. L-estensjoni tal-Majjistral Nature and History Park biex tinkludi dik iż-żona fl-inħawi ta' Għajn Tuffieħa li fl-imgħoddi kienet amministrata mill-Fondazzjoni Gaia, kif ukoll l-inklużżjoni tat-Tramuntana lejn iċ-Ċumnija li bħalissa qed tintuża bħala miżbla.
3. Iż-żona mitluqa madwar it-Torri l-Abjad, sit ta' wirt irristawrat u bħalissa miżmum minn Din l-Art Ħelwa fl-Aħrax, limiti tal-Mellieħa.

Membri ta' Din l-Art Ħelwa jħeġġu lill-gvern biex jappoġġja l-estensjonijiet inkrementali u mhux kontroversjali ta' dawn il-parks, li l-biċċa l-kbira tagħhom kien imisshom diġà ġew protetti u mmaniġġjati. Dawn il-proġetti jkunu turija tal-impenn ta' Malta lejn l-ambjent u jiġġeneraw benefiċċji tanġibbli kemm għall-komunitajiet kif ukoll għas-setturi tat-turiżmu.

L-organiżżazzjoni saħqet li, iffaċċati b'theddid dejjem jikber mit-Tibdil fil-Klima, mit-telf tal-ħabitat u mill-iżvilupp eżagerat, in-nuqqas ta' azzjoni jkun ifisser li aħna qegħdin fil-periklu li titħassar għal dejjem l-isbuħija naturali tal-gżejjer, b'mod partikolari f'Għawdex.

Inħeġġu lill-partiti politiċi kollha biex japprovaw il-ħolqien ta' Park Naturali u tal-Istorja f'Għawdex u t-tkabbir tal-parks eżistenti billi jinkludu dawn il-proġetti fil-manifesti elettorali rispettivi.

## RIŻOLUZZJONI BIEX TINGĦATA IŻJED PROTEZZJONI LIS-SIĠAR U LILL-ĠONNA

Din l-Art Ħelwa, fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Sibt 26 ta' Frar 2022, stiednet lill-Partiti Politiċi biex fil-manifest elettorali tagħhom jdaħħlu impenn li tingħata iżjed protezzjoni lis-siġar, lill-ġonna, u lill-ispazji ħodor miftuħa fiż-żoni urbani, permezz tal-'Klassifikazzjoni u l-Iskedar ta' Spazji Ħodor Miftuħa ġewwa ż-żoni tal-iżvilupp, jiġifieri Gonna Storiċi, Moderni u Privati, Spazji Ħodor, u l-protezzjoni ta' siti ħodor mikro bħal per eżempju l-ispazju jew spazji partikulari fejn jikbru jew għad iridu jitkabbru s-siġar u l-arbuxxelli'.

Il-qafas tal-ippjanar bħalissa jonqos milli jiżgura l-protezzjoni ta' spazji ħodor miftuħa u ġonna maturi fiż-żoni urbani, li iżjed ma jmur iżjed qed jiġu mhedda, ħafna drabi ghar-raġuni sempliċi sabiex jogħla l-potenzjal ghall-iżvilupp tas-siti. Barra minn hekk, ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Siġar u tal-Imsaġar li ġew fis-seħħ permezz ta' S.L.549.123 jonqsu milli jiżguraw li jiġu preservati u protetti bosta speċi ta' siġar, speċjalment dawk li jinstabu f'żoni rurali li jaqgħu barra żoni skedati rikonoxxuti.

Din l-Art Ħelwa tħeġġeġ lill-partiti politiċi biex iżidu sew l-isforzi tagħhom sabiex jiġu protetti siġar, ġonna u spazji ħodor miftuħa ġewwa ż-żoni urbani.

## RIŻOLUZZJONI LI L-GOVERNANZA TAJBA GĦANDHA TKUN FIC-ĊENTRU TAD-DEĊIŻŻJONIJIET U TAL-IMMANIĠĠJAR TAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Din l-Art Ħelwa, fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Sibt 26 ta' Frar 2022, stiednet lill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) biex iżżomm il-prinċipji ta' governanza tajba fic-ċentru tal-immaniġġjar u ta' kull deċiżżjoni li tittieħed. Ta' spiss il-PA tidher li qed tagħti priorità lit-talbiet tal-iżviluppaturi l-kbar, meta għandha minflok tfittex u tiddifendi l-kwalità tal-ħajja tal-komunità iżjed usa', u tiffoka fuq l-bżonnijiet tar-residenti u tal-ġirien. Fis-settur tal-ippjanar il-governanza tajba tiġbor fiha l-kunċett tal-inkoraġġiment fil-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni tal-partijiet interessati kollha. Din l-Art Ħelwa tħeġġeġ lill-PA biex tagħmel ħilitha biex tipprevjeni t-telf ta' spazji miftuħa, kif ukoll l-qerda ta' pajsaġġi tat-toroq tradizzjonali u ta' linji tal-għoli tal-bini għeżież għan-nies. Tħeġġeġ ukoll lill-Awtorità biex tipprevjeni l-inkonvenjenti mifruxa u li ma jaqtgħu xejn ta' kuljum li jġarrbu ċ-ċittadini kawża tal-iżvilupp sfrenat u eżaġerat madwar Malta u Għawdex.